MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 13(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, it-30 ta' Novembru 2010, fil-4.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Laqgħa Annwali għall-Pubbliku
6. Il-*Performance Bonus* tal-Impjegati
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 12(2010) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Dwar Para.4.2, (talba tas-Sur Edward Azzopardi għal bankina ġdida f'Triq Bir Rikka), il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lis-Sur Azzopardi li, minbarra li din it-triq hi triq arterjali, skond l-A.L. 29 tal-2010, ir-*Road Contribution* ma tkoprix il-bankina.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Il-Kunsill qabel li jinforma lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li n-*Notice Board* tal-MEPA tista' titqiegħed fil-parapett tal-Kunsill.

**4.3** Il-Kunsill qabel li jinforma lill-MEPA li ma kellux oġġezzjoni għall-applikazzjoni li jsir Park Nazzjonali f'Delimara (Applikazzjoni Nru PA/01234/10).

**4.4** Dwar il-kopja ta' ittra mibgħuta lis-Segretarju Permanenti Chris Ciantar minghand is-Sur Martin Zerafa rigward permess biex il-familja tiegħu titħalla tipparkja fil-Pjazza l-Madonna ta' Pompei wara li jsirilha l-pavimentar il-ġdid, il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv jinforma lill-Inġ Ciantar li la l-bejjiegħa tas-suq u lanqas il-bejjiegħa tal-ħut ma tħallew itellgħu l-vetturi tagħhom fuq il-pavimentar il-ġdid sabiex dan ikun protett.

## 5. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku

**5.1** Komplew għaddejjin il-laqgħat dwar l-organizzar tas-suq ta' nhar ta' Ħadd. Ir-rassenja tal-bejjiegħa kienet qed issir mit-*Trade Licensing Unit* kull nhar ta' Ħadd u l-Kunsill kien beda *Waiting List* għal min xtaq jibda jarma fis-suq ta' nhar ta' Ħadd.

## 6. Laqgħa Annwali għall-Pubbliku

**6.1** Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Annwali għall-Pubbliku ssir f'Jannar 2011.

## 7. Il-*Performance Bonus* tal-Impjegati

**7.1** Il-Kunsill approva unanimament li l-impjegati tal-Kunsill jingħataw il-massimu tal-*performance bonus* li huma intitolati għalieħ - 10% tas-salarju bażiku għas-Segretarju Eżekuttiv u ta' 6% tas-salarju bażiku għad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Iskrivan.

**7.2** Il-Kunsill approva wkoll li, mill-1 ta' Jannar 2011, is-salarju tas-Sinjurina Caroline Fenech, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, jiżdied minn Skala11.05 għal Skala 11.06 u li s-salarju tas-Sur Jordy Brincat, l-Iskrivan, jiżdied minn Skala15.06 għal Skala 15.07.

## 8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

**8.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Kunsillier Cassar, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Magħluq u tindif tal-*litter bins* ħdejn Binja Ħal Ġinwi, 02.08.10 - 13.09.10 (X7) | 122.29 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Magħluq u tindif tal-litter bins ħdejn Binja Ħal Ġinwi, 20.09.10 - 15.11.10 (X9) | 157.23 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Ġnien Ġużè' Cassar, Ġnien il-Familja u tindif tax-Xatt, 03.08.10 - 16.09.10 (X20) | 512.40 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Ġnien Ġużè' Cassar, Ġnien il-Familja u tindif tax-Xatt, 18.09.10 - 20.11.10 (X28) | 717.36 |
| Anġlu Cutajar | Diversi xogħlijiet ta' tindif fil-lokalita' | 335.43 |
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Assikurazzjoni dwar flus | 63.00 |
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Laqgħa għall-Kunsilliera 20 Nov '10 | 200.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 09.11.10 (No 141) | 45.70 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 29.11.10 (No 153) | 45.00 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Ott 10 | 1307.55 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Ott 10 | 238.55 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Ott 10 | 626.39 |

| | | |
|---|---|---|
| Commissioner of Inland Revenue | N.I. u PAYE Ott 10 | 1327.72 |
| Commissioner of Inland Revenue | N.I. u PAYE Nov 10 | 1489.40 |
| Impjegati tal-Kunsill | Salarji tal-impjegati u Honoraria Nov 10 | 4067.22 |
| Commissioner of Police | *Extra Duty* 10.10.10 South Wales Police Band | 38.26 |
| Commissioner of Police | Tneħħija u trasport ta' karrijiet 13.10.10 | 268.66 |
| E.G. Trading Co Ltd | *Waders* għat-tindif tal-Għajn tal-Ħasselin | 55.00 |
| Emmaus | Rigal għall-Kappillan il-Ġdid | 150.00 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Ott 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Ott 10 | 58.23 |
| I.V. Portelli & Sons | Tiswijiet taċ-*Chainsaw* | 73.55 |
| GO | 21659555, Ott 10 | 22.79 |
| GO | 21652525, Ott 10 | 378.13 |
| GO | 21650937, Ott 10 | 97.64 |
| GO | 21652392, Kera Nov 10 | 15.58 |
| G4S | *Cash-in-transit Ott* 10 | 38.05 |
| Jason Gauci | Gazzetti Nov 10 | 89.66 |
| media.link | Avviż tat-Tenders | 82.13 |
| Neriku Confectionery | Ikel għaż-żjara tal-Kappillan | 50.50 |
| Nexos | Manutenzjoni tad-dwal tat-toroq Aww - Ott '10 | 1284.96 |
| Patrick Cellars | Ilma | 28.00 |
| Petty Cash | Spejjeż tal-*Petty Cash*, 14 Ott - 15 Nov '10 | 97.39 |
| Roc-a-go | Skip, Ġnien Ġuże' Cassar, 26.10.10 | 59.00 |
| Sergio Gafa' | Tiswija ta' *airconditioner* | 70.00 |
| Smart Office Supplies | *Computer colour cartridge* | 116.53 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 14.11.10 | 55.44 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 14.11.10 | 23.76 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 21.11.10 | 55.44 |
| Supreme Travel | Trasport South Wales Police Band 10.10.10 | 210.71 |
| Tartarun | Birra u *Soft Drinks* South Wales Police Band 10.10.10 | 275.60 |
| Union Print | Avviż tat-Tenders | 62.02 |
| Valley Pet Shop | Tiben,ġulbiena u kompost (għall-Presepju) | 11.95 |
| | **Total** | **€19003.56** |

**8.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**9.** **<u>Affarjiet Oħra</u>**

**9.1** Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Viċi-Sindku li titneħħa l-linja tat-telefon nru 21652218 peress li din m'għadhiex tintuża.

**9.2** Fil-15 ta' Novembru 2010, il-Kunsillier Grech, is-Segretraju Eżekuttiv u l-Avukat John Bonello kellhom laqgħa mal-Kummissarju tal-Artijiet, is-Sur Albert Mamo, dwar it-tneħħija ta' karrijiet u inġenji oħra mitluqin mat-toroq u art pubblika f'Marsaxlokk. Sar qbil li f'Jannar 2011 il-Kummissarju joħroġ *Enforcement Notices* biex jitwaħħlu fuq dawn l-inġenji u wara l-Kunsill ikun jista' jagħmel arranġamenti għat-tneħħija tagħhom.

**9.3** Il-Kunsill qabel li tintbagħt ittra lill-Ministru Tonio Fenech li fiha ssir talba sabiex il-bejjiegħa tas-suq ta' nhar ta' Ħadd iżarmaw u jitilqu mix-Xatt sas-2.00 p.m. Fl-istess ittra, il-Kunsill jitlob li jkun hemm eżenzjoni għall-bejjiegħa tal-ħut sabiex dawn ma jitilfux posthom fis-suq jekk ma jarmawx sitt iĦdud wara xulxin; dan minħabba li l-bejgħ tal-ħut huwa staġjonali u jiddependi jkunx l-istaġun tat-tonn, tal-lampuki, tal-pixxispad, eċċ.

**10.** Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**